

# Il-Bandiera ta' Malta u l-Beatu Gejtanu 1659-1660

**jikteb Walter Cammilleri**

1. Fatt kurjuż li ltqajna miegħu dan l-aħħar, u li fakkarna fl-imgħoddi, mhux ta' min iħallieh merfugħ fil-librerija. Dan jolqot lil Malta b'mod dirett u l-Ħamrun b'mod indirett, anke jekk il-Ħamrun fis-sena 1659-1660 ma kienx jeżisti.

2. Il-kittieb Ġermaniż, Burchardus Niderstedt, fis-sena 1659 kien għamel vjaġġ esploratorju fil-Baħar Mediterran tagħna. Ma kienx vjaġġ faċli, speċjalment fuq il-baħar. Anzi, kien vjaġġ b'ħafna għawġ, riskji u perikli ta' kull xorta minn Napli għal Sqallija sa Malta. Din il-kitba ġġib id-data tal-15 ta' Marzu 1659.

3. Dan Niderstedt, kulma kien ra u sema' f'dan il-vjaġġ u waqt li kien f'Malta, kitbu u anke ppubblikah fi ktieb (1660) li jismu: **Malta Vetus Et Nova** (Malta lbieraħ u llum). (1)

4. Fil-kitba tiegħu konċiża, kien sab ħin u spazju, għalkemm limitat ħafna, li jfakkar, li taħt il-protezzjoni tal-Bandiera ta' Malta u Tal-Beatu Gejtanu, hu kien trankwill. Naqraw is-silta fejn tissemma l-Bandiera ta' Malta:

5. " ... Ecco il ritratto del viaggio di Malta in un piccolo quadro... Le cose che vedi in quell' isola Notabile (come si chiama)... Il modo di gueraggiar per mare e per terra... (e' pericolo)... Chi potrà saper senza una lunga isperienza? Ebben vero, che abbiamo navigati nella loro squadra e sotto la Bandiera di Malta, dove la magnificenza e' la puntualità in tutte le cose..." (2)

6. Ifisser, li l-Bandiera ta' Malta, ((li bi tradizzjoni qawwija tmur lura għas-snin:

(A) A.D. 1090-1091 // c1127 – c 1154 fi żmien il-Konti Ruġġieru u ibnu r-Re Ruġġieru II, u/jew

(B) A.D. 1425 - 1428 fi żmien ir-Re Alfonso V ta' Spanja u l-Fewdatarju Gonsalvo Monroy))

ġa kienet Bandiera Nazzjonali stabbilita u ta' suċċess, stima u protezzjoni, mhux biss fuq is-swar tagħna, imma wkoll fuq l-iġfna / xwieni jew qxur oħra tal-baħar! Il-fatt li Niderstedt kien semma' l-Bandiera ta' Malta u b'dak il-mod, ifisser, li kien komdu jivvjaġġa fuq il-baħar għall-wens tal-Bandiera ta' Malta, u meta ma kienx għamel riferenza, imqar żgħira, għall-Bandiera tal-Ordni Ospidalier u Militari ta' San Ġwann li kien renjant ta' Malta!

7. Kif ġa għedna, dan il-vjaġġ esploratorju kien wieħed mimli perikli ta' kull xorta, u l-biża' ma kienet naqset qatt. F'sitwazzjoni bħal din, in-nisrani jirrikorri lejn is-Sema. B'sorpriża innutajna, li dawk ta' fuq id-dgħajsa kienu talbu wkoll l-għajnuna ta' Sant'Antnin ta' Padova u xejn anqas tal-BEATU GEJTANU (1659). Sadattant, Gejtanu tagħna, (u hawn jidħol il-Ħamrun tagħna) kien jonqsu madwar 12-il sena oħra (1671) biex kellu jsir Qaddis tal-Knisja ta' Kristu. Imma bla ma nonfħu din il-ġraja, b'devozzjoni kbira ngħidu, illi Gejtanu tagħna, milli jidher u milli nafu fuqu, hu kbir ħafna fis-sema f'għajnejn il-Mulej!

8. Din id-devozzjoni tagħna l-Maltin lejn l-Imqaddes Gejtanu hi kbira ħafna. Appuntu sa minn meta kien għadu BEATU. Ħarsu u araw għaliex f'Malta u Għawdex hawn dawn il-kwadri tal-pittura kollha meqjuma għalih fil-knejjes u f'kollezzjonijiet privati! Infatti, dan ġa konna osservajnieh fis-sena 1980, meta konna ppubblikajna l-ktieb tagħna bil-Malti fuq San Gejtanu, (3), meta konna għedna, illi San Gejtanu, bħala Beatu, ġa kien kellu altar meqjum lilu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, tal-Belt Valletta, sa mis-sena 1656. (4)

9. Mhux biss, imma konna ktibna wkoll illi "Fid-29 ta' Lulju, 1656, (fl-istess sena), il-Ġeneral Carafa kien kiteb u rrakkonta ġrajja tal-biża' imma fl-istess ħin sabiħa, fejn minħabba l-biża' li x-xwieni/iġfna Maltin kienu se jinqabdu mill-għadu musulman, kienet intalbet l-għajnuna ta' Alla, imma Carafa jkompli jgħidilna, li hu nnifsu kien ordna (għal protezzjoni u b'devozzjoni), biex iperpru mal-arblu (tax-xini) l-Bandiera bix-xbieha tal-BEATU GEJTANU – u x-xwieni Maltin kienu għamlu rebħiet kbar fuq l-għadu." (5)

10. U b'daqqa ta' pinna, Burchardus Niderstedt, kien ta ġieħ (1660) lill-Beatu Gejtanu u l-Bandiera ta' Malta, fl-istess paragrafu tal-kitba tiegħu imsemmija. U dan hu ta' sinifikat kbir għalina lkoll.

-----

**Riferenzi:**


1. Burchardus Niderstedt: "Malta Vetus et Nova"
Pub. Helmestadii – Ediz. 1660 – pp93.
L.N.V. Ref. BQ/6/48 – Progressive No. of Work 8543.
Dan il-ktieb mhux paġnat. L-artiklu li jittratta is-suġġett tagħna jibda hekk: La gratiosissima sua da Berlino dell'7 di Marzo..."
2. Ibid Idem
3. Walter Camilleri: "Niltaqgħu ma' San Gejtanu 1480-1980"
Ediz. "Reliġjon u Ħajja" (OFM Conv.) 1980; pp75.
4. Ibid p.57
5. Ibid p.51 (*)
Ara wkoll: "Storia tal-Għaġeb tal-Ħajja ta' San Gejtanu T." Miktuba minn Patri D. Gejtan Maria Magenis u maqluba għall-Malti minn Salvu Agius. Tipografija – Aħwa Delia ta' numru 11, Strada Rosa, il-Ħamrun – 1930; pp588. (p.572)